C/2026/4220

30.7.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12527 – BAIN CAPITAL / VOLKSWAGEN / EVERLLENCE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4220)

1. Fl-20 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Volkswagen Aktiengesellschaft ("Volkswagen", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Porsche Automobil Holding SE (il-Ġermanja),

— Bain Capital Investors, LLC ("Bain Capital", l-Istati Uniti),

— Everllence SE ("Everllence", il-Ġermanja) ikkontrollata minn Volkswagen.

Volkswagen u Bain Capitalse jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Everllence.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Volkswagen hija attiva madwar id-dinja fl-iżvilupp, il-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' karozzi tal-passiġġieri, vetturi kummerċjali ħfief, trakkijiet, xarabanks, kowċis, xażi għal xarabanks u magni diżil, muturi, spare parts u aċċessorji,

— Bain Capital hija ditta tal-investimenti ta' privata li tinvesti f'kumpaniji f'għadd ta' industriji, inklużi dawk tat-teknoloġija tal-informazzjoni, il-kura tas-saħħa, bejgħ bl-imnut, prodotti għall-konsumatur, tal-komunikazzjonijiet, servizzi finanzjarji, industrijali u manifattura.

3. Everllence hija kumpanija tal-inġinerija attiva fil-propulsjoni, fid-dekarbonizzazzjoni u f'soluzzjonijiet ta' effiċjenza għall-industrija tal-baħar, għas-settur tal-enerġija u għall-applikazzjonijiet industrijali.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [2] jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12527 — BAIN CAPITAL / VOLKSWAGEN / EVERLLENCE

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË